Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

GUIDO DE MARCO
President

26 ta' Ġunju , 2001

ATT Nru. XVII ta' l-2001

ATT biex jipprovdi dwar ir-restituzzjoni ta' art esproprjata bis-saħħa ta' l-Att dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dan l-Att hu Att ta' l-2001 dwar Restituzzjoni ta' Ċertu Artijiet, u għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-artijiet jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u jistgħu jiġu ħekk stabbiliti dati differenti għal disposizzjonijiet differenti u għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Tifsir.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Area għall-Iżvilupp tal-Bini" għandha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-Att;

"l-Att" tfisser l-Att dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini. Kap. 303.

Restituzzjoni ta' art u drittijiet u interessi fiha.

3. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att kull art fil-limiti ta' Area għall-Iżvilupp tal-Bini akkwistata bi proprjetà assoluta taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Att kif hemm provdut fl-artikolu 5 tiegħu, mal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ta' avviż legali li jkun jistabbilixxi li l-Gvern ikun qiegħed jitlaq il-proprjetà ta' l-imsemmija art, għandha b'seħħ mid-data meta dik l-art tkun ġiet akkwistata kif hawn qabel imsemmi, u bis-saħħa ta' dan l-Att mingħajr ebda formalità

ohra mehtieġa bil-liġi, terġa' lura għal għand il-persuna jew persuni li lihom kienet tappartjeni l-art, sew bi proprjetà assoluta sew b'titlu ta' proprjetà diretta jew nuda, dirett jew utili dominju, użufrutt, użu jew abitazzjoni, bħallikieku l-akkwist bis-saħħa ta' l-artikolu 5 ta' l-Att ma jkun seħħ qatt.

(2) Malli ssir dik ir-restituzzjoni, kull ħlas, ipoteka jew privileġġ u kull dritt reali ieħor mhux imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu kif ukoll kull kiri li dik l-art kienet suġġetta għalih, għandhom jerġgħu jibdew iseħħu bħallikieku qatt ma temmew milli jeżistu u għandhom ikomplu jkunu operattivi, bla ħsara għal waqfien jew estinzjoni ta' dak id-dritt li kien kieku dan ikun ġie mwaqqaf jew estint qabel dik ir-riverżjoni jew skond xi ftehim jew bl-operat tal-liġi li kieku l-akkwist kontemplat bl-Att ma kienx seħħ.

Kap. 296.

(3) Is-sidien ta' l-art għandhom jirreġistraw it-titolu tagħhom fir-Reġistru ta' l-Artijiet skond l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Artijiet, fi żmien tliet xhur minn dik ir-restituzzjoni. Dik ir-reġistrazzjoni ma tagħtihom ebda jedd għal xi ħruġ minnufih ta' "titolu garantit".

Waqfien ta' drittijiet għal kumpens.

4. (1) Malli ssir ir-restituzzjoni hawn qabel imsemmija, kull kumpens li jitħallas bis-saħħa ta' l-Att, jew kull liġi oħra, lil xi persuna li tkun qegħda tippretendi xi dritt jew interess fuq jew f'xi art akkwistata bis-saħħa ta' l-artikolu 5 ta' l-Att, inkluż kull kumpens bi pretensjoni għal xi perjodu li matulu dik l-art ma kientx fil-pussess tiegħu jew meta xi dritt fuqha ma kienx eserċitabbli, għandu jtemm milli jkun jista' jiġi mħallas:

Iżda meta, dwar xi art, dritt jew interess, persuna tkun tista' turi għas-sodisfazzjon tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, illi li kieku dik l-art jew dak id-dritt ma ġietx restitwita għandha kif hemm provdut fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, il-kumpens li kien ikollha jedd għalih kien ikun akbar mill-valur ta' l-art, tad-dritt jew ta' l-interess imsemmija qabel fil-waqt tar-restituzzjoni, dik il-persuna jkollha jedd li titħallas id-differenza fil-valur, u fejn ebda art, dritt jew interess ma jkunu jistgħu jiġu restitwiti bis-saħħa ta' dak l-artikolu, il-kumpens li jitħallas bis-saħħa ta' l -Att, jew kull liġi oħra, għandu jibqa' jkun jista' jitħallas.

(2) Pretensjoni li ssir taħt il-proviso għas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha biss tintlaqa' jekk din issir b'ċitazzjoni li tiġi ppreżentata qabel ma tiskadi sena mill-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.

Meta d-drittijiet ikunu ġew trasferiti.

5. Meta l-persuni li minghandhom l-art in kwistjoni tkun ġiet akkwistata jkunu ttrasferew id-drittijiet tagħhom għal kumpens lil xi persuna oħra sew b'att *inter vivos* jew *causa mortis*, it-trasferiment, għandu, kemm-il darba ma jiġix xort'oħra miftiehem fl-att ta' trasferiment, jitqies li jkun it-trasferiment ta' art jew ta' xi interess ieħor fiha rappreżentat minn dawk id-drittijiet.

A 1133

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 557 ta' l-20 ta' Ġunju, 2001.

ANTON TABONE
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati